# QORTI TAL-APPELL

## IMHALLFIN

**S.T.O. PRIM IMHALLEF SILVIO CAMILLERI**
**ONOR. IMHALLEF TONIO MALLIA**
**ONOR. IMHALLEF JOSEPH AZZOPARDI**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 28 ta' April 2017**

**Numru: 15**

**Rikors Numru: 1155/05 AE**

**Maurice Fenech u martu Rita Fenech f'isimhom propju u bhala rapprezentanti ta' binhom minuri Shaun Fenech u b'nota tas-16 ta' Mejju 2016 Shaun Fenech assuma l-atti f'ismu proprju flimkien ma' Maurice Fenech u martu Rita Fenech u dan stante li llum il-gurnata huwa maggorenni**

**v.**

**Jacksons Company Limited (C8057), Elbros Construction Limited (C10925) u Tigne Estates Limited (C27339)**

Rat is-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili moghtija fit-18 ta' Settembru 2012 illi ghall-ahjar intendement qed tigi riprodotta;

"**<u>Citazzjoni</u>**.

"Permezz ta' citazzjoni prezentata fis-6 ta' Dicembru 2005, l-atturi ppremettew li:-

"Fit-18 ta' Gunju 2004 ghal habta tat-8.25 ta' filghodu, Frank John Fenech ta' 17 il-sena miet tragikament waqt li kien qieghed jaghmel xoghol tal-elettriku fuq inkarigu ta' Jacskons Company Limited, li kien impjegat maghha. Ix-xoghol kien qieghed isir f'Capital Mansions Block A, Triq Censu Xerri, Tigne, proprjeta tas-socjeta konvenuta Tigne Estates Limited.

"Id-decujus kien iben l-atturi Maurice u Rita Fenech, u hu l-attu l-iehor. L-atturi huma werrieta tal' Frank John Fenech, u miet minhabba l-griehi li garrab meta waqa' minn gallarija fis-sitt sular ghal bitha fl-istess blokk.

"Il-mewt ta' Frank John Fenech sehhet tort tal-konvenuti kollha.

"Skond l-Artikolu 9 tal-Kap. 452 tal-Ligijiet ta' Malta, sa fejn ghandhom x'jaqsmu kondizzjonijiet ta' impjieg, il-provvedimenti tal-Kap. 424 u ta' xi regolamenti maghmula tahtu ghandhom jitqiesu li jifformaw parti mill-kondizzjonijiet maghrufin tal-impieg tal-impjegati.

"Jacksons Company Limited, bhala l-employer tal-istess Frank John Fenech, ma zguratx is-sahha u s-sigurta tieghu waqt ix-xoghol u lanqas ma adottat dawk il-mizuri ta' prevenzjoni ta' incidenti fuq ix-xoghol stabbilit mil-ligi kif kien obbligu taghha li taghmel bhala employer skond Artikolu 6(1) u (2) tal-Kap. 424 tal-Ligijiet ta' Malta u skond ir-regolamenti li huma fis-sehh bis-sahha tal-istess Kap. 424 kif ukoll minhabba imprudenza, negligenza u nuqqas ta' osservanza tal-Artikoli 1031 u 1032(1) tal-Kodici Civili.

"Fir-rigward ta' Elbros Construction Limited u Tigne Estates Limited huma responsabbli principalment minhabba imprudenza, negligenza u inosservanza tar-regolamenti skond l-Artikolu 1031 u 1032 tal-Kodici Civili, u in partikolari fir-rigward ta' Elbros minhabba n-nuqqas ta' osservanza tal-obbligi taghha a tenur tal-Kap. 424 tal-Ligijiet ta' Malta u r-regolament li huma fis-sehh bis-sahha tal-Kap. 424.

"Ghalhekk talbu lill-Qorti sabiex:-

1. "Tiddikjara lill-konvenuti responsabli ghall-mewt ta' Frank John Fenech b'rizultat tal-incident li sehh fit-18 ta' Gunju 2004.
2. "Tillikwida d-danni li sofrew l-atturi.
3. "Tikkundanna lill-konvenuti sabiex ihallsu d-danni.

"**Noti tal-eccezzjonijiet**.

"Permezz ta' nota tal-eccezzjonijiet prezentata minn Elbros Construction Limited fit-12 ta' Ottubru 2007[1]:-

[1] Fol. 35.

1. "Dakinhar tal-incident il-kumpannija kienet diga' lestiet ix-xoghol taghha u ma kenitx ghadha fis-sit ta' kostruzzjoni fejn sehh l-incident.
2. "Fl-esekuzzjoni tax-xoghol taghha l-kumpannija agixxiet b'mod prudenti, diligenti, skond ir-regolamenti u skond is-sengha u l-arti.
3. "Il-kumpannija osservat l-obbligi legali taghha li jirrizultaw mill-Kap. 424 tal-Ligijiet ta' Malta.

"Permezz ta' nota tal-eccezzjonijiet prezentata fid-19 ta' Ottubru 2007[2] Jacksons Company Limited wiegbet:-

1. "Il-kumpannija ma tistax tinzamm responsabbli ghaliex ma kenitx traskurata, imprudenti, negligenti jew ma harsitx ir-regolamenti jew dak li jinghad fl-Artikolu 1031 u 1032(1) tal-Kap. 12.
2. "Il-mejjet ma kellu l-ebda raguni ghalfejn johrog fil-gallarija ghaliex xogholu kien f'post iehor, u cjoe' fuq gewwa.
3. "Kien il-mejjet li had sogru inutli u azzardat meta pprova jaqbez minn terazzin ghal iehor u, meta ghamel hekk, flok ma wasal fejn xtaq, spicca biex waqa' ghal isfel sitt sular.

"Permezz ta' nota tal-eccezzjonijiet prezentata fis-26 ta' Ottubru 2007[3] Tigne Estates Limited wiegbet:-

"1. Il-kumpannija m'hijiex ressponsabbli ghal danni li setghu sofrew l-atturi la *ex contractu*, la *ex delictu* u lanqas *ex lege*.

"Il-qorti semghet il-provi, rat l-atti nkluz noti ta' sottomissjonijiet.

"**Konsiderazzjonijiet**.

"1. Dan il-kaz hu dwar incident fatali li sehh fit-18 ta' Gunju 2004 ghal habta tat-8.25 a.m. meta Frank John Fenech, li kien ghad ghandu 17 il-sena u mpjegat ma' Jacksons[4], waqa' minn gallarija f'Capital Mansions, Block A, Triq Censu Xerri, Tigne. Skond ir-rapport tat-tobba li ghamlu l-awtopsja:-

> *"The death of this young male is due to hypovolaemic shock and fractured skull following an accidental fall from height."*[5].

"Il-post fejn sehh l-incident hu proprjeta tal-kumpannija Tigne Estates Limited u inbena mill-kuntrattur Elbros Construction Limited. Il-vittma kien jaghmel xoghol tal-elettriku. Jirrizulta li bejn l-24 t'a Novembru 2003 u 22 ta' Jannar 2004 Frank John Fenech kien ghamel kors ta' 120 siegha mal-Employment &

---

[2] Fol. 39.
[3] Fol. 43.
[4] Kuntratt ta' impjieg datat 3 ta' Frar 2004 (fol. 13).
[5] Fol. 289.

Training Corporation f'*Basic Electricity and Plumbing*[6]. L-atturi huma l-werrieta tieghu[7]. M'hemmx certezza dwar l-gholi ta' sular li waqa' l-vittima, ghalkemm l-indikazzjoni tidher li hi gholi ta' sitt (6) sulari.

"2. Ghal dik li tikkoncerna r-responsabbilta ta':-

"(a) **Elbros Construction Limited**, il-qorti hi tal-fehma li m'ghandix twiegeb ghall-incident gialadarba jirrizulta li l-inkarigu taghha kien li tibni s-sit u jirrizulta li x-xoghol tlesta qabel sehh l-incident. Skond certifikat mahrug mill-perit Joseph Sapienza[8] datat 18 ta' Mejju 2004, jinghad li din il-kumpannija *"...satisfactorily completed the construction works and left the site on 3rd June 2004."*[9]. Il-qorti ma tarax li Elbros, wara li lestiet ix-xoghol, kellha xi obbligu li taghmel xi mizuri ta' sigurta fuq is-sit in kwistjoni ghall-haddiema li kienu ser jidhlu jaghmlu xoghol ta' finishing.

"(b) **Jacksons Company Limited,** il-qorti m'ghandix dubju li ghandha twiegeb ghall-hsara li sofrew l-atturi.

"Skond l-Artikolu 6 tal-Att dwar l-Awtorita` ghas-Sahha u s-Sigurta' fil-Post tax-Xoghol (Kap. 424): *"Min ihaddem ghandu dejjem jizgura is-sahha u s-sigurta tal-persuni kollha li jistghu jigu affettwati bix-xoghol li jkun qieghed isir ghal dik il-persuna li thaddem."*. Fost il-mizuri li ghandhom jittiehdu biex jigu evitati incidenti li fihom imutu jew iwegghu n-nies fuq il-postijiet tax-xoghol, *"....ghandhom jittiehdu fuq il-bazi ta' dawn il-principji generali ta' prevenzjoni li gejjin, jigifieri:-*

*(a) li jigi evitat riskju;*
*(b) l-identifikazzjoni ta' perikli assocjati ma-xoghol;*
*(c) l-evalwazzjoni ta' dawk ir-riskji li ma jistghux jigu evitati;*
*(d) il-kontroll mill-bidu ta' dawk ir-riskji li ma jistghux jigu evitati;*

*li jittiehdu l-mizuri necessarji kollha biex jirriducu r-riskju kemm ikun ragonevolment prattiku, inkluz li jitbiddel dak li huwa perikoluz b'dak li ma jkunx perikoluza jew li jkun anqas perikoluz......"*[10].

"Bhala l-principal tal-vittma, kellha l-obbligu li tizgura li fil-post fejn ser tibghat il-haddiema jahdmu ma kienx hemm perikli jew ghallinqas jittiehdu mizuri sabiex kemm jista' jkun jigu ridotti l-perikli. M'huwiex bizzejjed li l-principal jaghti *helmet* u *safety*

---
[6] Fol. 30.
[7] Maurice u Rita Fenech huma l-genituri, filwaqt li Shaun Fenech hu hu Frank John.
[8] Il-perit inkarigat mill-progett.
[9] Fol. 103.
[10] Artikolu 6(2) tal-Kap. 424.

*shoes* lill-impjegati. Id-dmir tal-principal jibda sa minn qabel il-haddiema jirfsu fil-post fejn ser jahdmu. Jirrizulta li l-gallarija minn fejn waqa' Frank John Fenech kellha biss bazi tal-konkos. Il-verifiki ghandhom isiru kemm qabel jibda x-xoghol u kif ukoll waqt li jkunu ghaddejjin ix-xogholijiet. Il-principal ghandu dmir li jipprotegi s-sahha u sigurta tal-impjegat u jiehu azzjoni. Ghandu jaghmel dak li hu ragonevolment prattikabbli biex jottjeni dan, billi jassigura li l-impjegati huma protetti minn kull haga li tista' tikkaguna hsara, u b'hekk jikkontrolla r-riskji ghas-sahha u sigurta tal-impjegati tieghu. Il-principal ghandu, qabel jibda x-xoghol, dmir li jaghmel assessment tar-riskji li hemm fuq il-post tax-xoghol u mbaghad jimplimenta. M'hemmx dubju li gallariji minghajr railing huma riskji li l-principal kellu d-dmir jikkunsidra u jiehu azzjoni dwarhom qabel jibghat l-impjegati jahdmu fil-post fejn tilef hajtu dan iz-zaghzugh. F'dan il-kuntest issir ukoll riferenza ghal *Work Place (Minimum Health and Safety Requirements for Work at Construction Sites)* Regulations[11] fejn hemm mizuri bazici li jridu jittiehdu f'siti ta' kostruzzjoni, fosthom:-

> *"5.1 Waqghat mill-gholi ghandhom ikunu fizikament evitati partikolarment permezz ta' bennieni solidi li jkunu gholjin bizzejjed u jkollhom ta' l-anqas bord tat-tarf, poggaman ewlieni u poggaman intermedju jew alternattiva ekwivalenti."*[12].

"Skond regolament numru 8 il-kuntratturi ghandhom id-dmir li jiehdu mizuri konformi mal-htigijiet minimi elenkati fir-Regolamenti, fosthom dik hawn fuq citata.

"Fil-fehma tal-qorti il-fatt li dakinhar li sehh l-incident jidher li ma kienx ser isir xoghol fuq barra, ma jfissirx li l-principal jista' jfarfar ir-responsabbilta'. Il-gallarija minn fejn waqa' dan iz-zaghzugh kienet fil-fond fejn kellu jsir ix-xoghol. Il-qorti hadet notament ta' dak li qalet il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fis-sentenza li nghatat fl-24 ta' Gunju 2011 fil-kawza **Il-Pulizija vs Lorenzo Ellul et** li kien jittratta l-incident in kwistjoni. Dik il-qorti ddikjarat li ma kienx hemm htiega li jsir *risk assessment* min-naha ta' Jacksons peress li:- *"….. l-haddiema tas-socjeta Jacksons Company Limited li kienu qeghdin jaghmlu xoghol ta' plumbing u elettriku fuq gewwa. Kif gie precizat aktar 'il fuq ir-riskju mehud mill-vittma f'dan il-kaz ma kienx prevedibbli stante li l-employer qatt ma seta' jimmagina u ghalhekk jipprovdi ghal sitwazzjoni fejn impjegat kien sejjer konxjament u xjentement iqieghed hajtu fil-periklu bla bzonn u b'mod daqshekk sperikolat."*, u lliberat lid-diretturi tal-kumpannija Jacksons mill-akkuza li naqsu milli jharsu s-sigurta u s-sahha tal-impjegati. Il-qorti ma taqbilx. Ir-*risk assessments* isiru biex wiehed jelimina r-riskji mill-post tax-xoghol ghall-impjegati u

[11] S.L. 424.29 (Avviz Legali 281 tal-2004).
[12] Skeda numru IV.

kemm jista' jkun jevita dawn it-tip ta' incidenti. Il-vittma, minorenni, kien jinsab f'appartament gebel u saqaf li kellu bieb b'fetha li taghti ghall-gallarija dejqa minghajr ilqugh. Hadd ma jaf x'kienet ir-raguni ghalfejn il-vittma hareg fil-gallarija u l-qorti ma tistax tibbaza decizjoni fuq spekulazzjonijiet[13]. Jidher li l-haddiema kienu ghadhom jaslu fuq il-lant tax-xoghol u kienu qeghdin itellghu l-ghodda u l-materjal fil-hin li sehh l-incident. Fil-fatt David Spiteri, impjegat iehor ta' Jacksons, spjega kif twasslu fuq il-post tax-xoghol mill-imghallem u dahlu fi Blokk C u Fenech beda jtella' xi ghodda u materjal filwaqt li hu baqa' isfel. Irrizulta wkoll kif meta sehh l-incident Fenech kien ghad ghandu l-barzakka fuqu. Fatt li jkompli jsahhah il-fehma li x-xoghol kien ghadu ma bediex. Jibqa' l-fatt innegabbli li fil-gallarija ma kienx hemm ilqugh. Il-qorti ma tistax taccetta li ma kienx prevedibbli li xi haddiem ta' Jacksons kien ser johrog fil-gallarija, irrispettivament ta' x'setghet kienet ir-raguni ghalfejn jaghmel hekk. Dan iktar u iktar meta tqies li kienet qeghda thaddem guvni ta' 17 il-sena. Il-mizuri tas-sigurta' suppost kienu f'posthom mill-ewwel gurnata li fiha haddiema ta' Jacksons dahlu jahdmu f'dan il-bini. Il-principal m'ghandu jippresumi xejn, u m'ghandux jedd ifarfar mir-responsabbilta ghaliex l-impjegat ghazel li johrog fil-gallarija fejn jidher li ma kellux bzonn johrog. Il-principal kellu jipprevedi li xi hadd mill-haddiema ser johrog fil-gallariji, hi x'inhi r-raguni. Id-dmir tal-principal hu li jizgura li fil-lok fejn ser ikunu qeghdin jahdmu l-impjegati jkunu ttiehdu l-mizuri kollha li jissalvagwardjaw is-sahha u s-sigurta tal-impjegat. Fil-fehma tal-qorti Jacksons Company Limited naqset milli thares dan l-obbligu meta ma haditx passi biex tizgura li fil-gallariji jtqieghed ilqugh temporanju, fejn sahansitra sar xoghol ta' tqeghid ta' *ceiling rose* fis-saqaf tal-gallariji. Hu veru li ma rrizultax li dakinhar tal-incident il-vittma kellu jaghmel dan ix-xoghol. Ir-riferenza tal-atturi ghas-sentenza Ingliza fl-ismijiet **Smith v Chesterfield & District Co-operative Society Limited** tad-20 ta' Jannar 1953 hi flokha, in kwantu nghad li l-agir tal-haddiem ghalkemm kien irragonevoli, kien wiehed prevedibbli u l-principal kellu jaghmel tajjeb ghad-danni. Li hemm differenti f'dak il-kaz hu li d-danneggat kien wegga' waqt li qieghed jahdem fuq il-magna li kien impjegat biex jahdem fuqha. Dan

[13] Hekk per ezempju fin-nota ta' sottomissjonijiet li pprezentat Jacksons fid-19 ta' Ottubru 2011, qalet: *"Li ghamel iben l-atturi hija bravada, u cioe dak li it-taljani jghidulha follia di gioventu, u cioe prova jaqbes minn gallarija ghal ohra u il-pass ma tahx bil-konsegwenza naturali li, sfortunatament, spicca sitt indani 'l isfel u iltaqa' mal-mewt."* (paragrafu 28), u iktar 'il quddiem jinghad: *"Fenech mar fuq it-terrazzin jew biex jittawwal, jew biex, kif irrizulta ukoll ghall-Qorti Kriminali, biex iqassar trieqtu mnejn kien tela' ghal fejn kellu jahdem u allura ma jipprova jaqbez minn terrazzin ghal iehor u sfortunatament, din id-darba, il-pass ma tahx u baqa' niezel ghal isfel."* (paragrafu 35). F'kull kaz minn dak li rrizulta fil-post fejn sehh l-incident, il-qorti tqies li hu inverosimili li l-incident sehh minhabba li l-vittma pprova jghaddi mill-gallarija tal-appartament fi Blokk C ghall-gallarija ta' appartament fi blokk A, u dan meta tqies fejn instab il-vittma fil-bitha fejn waqa' (ara skizz a fol. 235). Kieku gara hekk kien jaqa' bejn ix-xifer taz-zewg gallariji u mhux jispicca fil-kantuniera n-naha l-ohra tal-bitha.

qieghed jinghad ghal dak li ser jinghad iktar 'il quddiem dwar negligenza kontributorja.

"Hi wkoll rilevanti ittra li ntbaghatet lil Jacksons datata 22 ta' April 2004 mill-Occupational Health & Safety Authority fejn fost'affarijiet ohra avzata li kellhom jittiehdu *"....all the necessary precautions to reduce risk of falls from heights, by addressing all open edges."*[14]. Jirrizulta li qabel sehh l-incident, ufficjal mill-Awtorita kien mar fuq il-post u ra x'nuqqasijiet kien hemm. Kienet sahansitra saret laqgha mal-ufficcjali ta' Jacskons. F'dan ir-rigward issir riferenza ghal dak li xehed Noel Cachia, Senior Officer mal-Health and Safety Authority, fl-inkjesta:-

> *"Nghid li fl-20 ta' April 2004 jien u Philip Mizzi bhala ufficjali tal-Health and Safety Authority gejna fuq il-post biex nispezzjonaw il-fond u xogholijiet. Nispjega li bhala method ta' ispezzjoni taghna hrigna ghadd ta' ordnijiet korrettivi lill-kuntratturi li bdew jahdmu f'dan il-fond fosthom lill-kumpannija Jacskons Company Limited....... Nispjega li fl-4 ta' Mejju kont mort mas-Sur Barbaro Sant u ddiskuta fit-tul mal-kuntratturi Jacksons Company Limited u anke ma' Jack Scerri. Tkellimt ukoll lil Maria Dolores Scerri u lit-tfal."*[15].

"Wara ntbaghtet l-ittra msemmija, hu evidenti li ma ttiehdet l-ebda azzjoni u dak li nghad mill-ufficjali tal-Awtorita waqa' fuq widnejn torox[16]. Hu altru milli evidenti li bin-nuqqas li tosserva l-ordni li nghatat, Jacksons Company Limited kienet ukoll qeghda tikser il-ligi.

"Din l-istess konvenuta lanqas ma tista tipprova tahrab mir-responsabbilta billi targumenta li kien id-dmir ta' Tigne Estates Limited li tiehu hsieb l-aspett ta' sahha u sigurta. Apparti li m'hemm xejn fil-kuntratt ta' appalt li jista' jwassal lill-qorti ghal xi konkluzjoni ta' din ix-xorta, id-dmirijiet imposti mill-ligi fuq persuna ma jistghux jigu assenjati fuq persuna ohra.

"(c) **Tigne Estates Limited**, ma tistax tfarfar mir-responsabbilta billi tallega li l-vittma ma kienx impjegat taghha u li r-relazzjoni taghha kien biss ma' Jacksons Company Limited. Taht il-ligi tas-sahha u sigurta kemm il-klijent u wkoll il-kuntrattur ghandhom obbligi.

---

[14] Fol. 231.

[15] Fol. 226.

[16] Skond l-Artikolu 17 tal-Kap. 424, ufficjali tal-Awtorita ghandhom jedd jaghtu ordnijiet lil kull persuna sabiex jissalvagwardjaw s-sahha u s-sigurtà fuq il-post tax-xoghol u *"kull persuna ghandha tobdi dan l-ordni minnufih sakemm ma jigix revokat minn ufficjal jew mill-Bord ta' Appelli"*.

"Il-qorti taqbel mat-tezi tal-atturi li l-Ligi Sussidjarja 424.29[17] kienet timponi dmirijiet fuq din il-kumpannija, li ghaliha sar ix-xoghol[18]. Il-post fejn kien qieghed isir ix-xoghol jaqa' taht id-definizzjoni ta' *"construction site"* li hu:-

*"kull sit ta' kostruzzjoni fejn jitwettqu xogholijiet ta' bini jew ta' inginerija civili, li lista mhux ezawrjenti taghhom qed tinghata fl-Iskeda I"*[19].

"Xoghol ta' dawl u ilma hu bla dubju inkluz.

"Il-ligi timponi dmirijiet ukoll fuq il-klijent, cjoe l-persuna li ghaliha qieghed isir ix-xoghol. Mill-provi migbura l-qorti m'ghandha l-ebda dubju li bejn Tigne Estates Limited u l-kuntratturi nkarigati biex jaghmlu x-xoghol, ma kien jezisti l-ebda programm u pjan relatat mas-sahha u sigurta fuq is-sit in kwistjoni. Ma kien hemm l-ebda koordinazzjoni. Fil-fatt Raymond Grixti xehed:-

*"Dr Chris Cilia: Ghar-rigward ta' issues ta' health and safety eccetra min kien jiehu hsiebhom effettivament waqt il-construction phase ?*

*"Xhud: Kull kuntrattur jeddressja s-site, iz-zona fejn ikun qed jahdem. L-Elbros li kien ilu tliet gimghat li hareg, il-health and safety issues jigu addressjati minn kull kuntrattur individwali.*

*"Omissis*

*"Dr Chris Cilia: meta gew aggudikati dawn il-kuntratti, inghataw lil diversi, kien isir kuntratt bil-miktub maghhom ?*

*"Xhud: Ehe.*

*"Dr Chris Cilia: Fir-rigward ta' issues ta' health and saftey x'kien jinghad ?*

*"Xhud: Li kull kuntrattur individwali z-zona fejn ikun qed jahdem hu jaghmilha safe ghax hu ma jkunx qed jahdem fil-progett kollu, ikollok giex sulari tliet sulari, l-electrician jitla' 'l fuq, imbghad jidhol tal-madum u jidhol tal-kisi. Iz-zona fejn ikunu qed jahdmu diversi kuntratturi trid tigi safe ghas-sigurta' tal-haddiema taghhom."*[20].

---

[17] *Work Place (Minimum Health and Safety Requirements for Work at Construction Sites) Regulations* li dahlu fis-sehh fl-14 ta' Mejju 2004.
[18] Id-definizzjoni tal-kelma *"klijent"* taht din il-ligi sussidjarja hi kull persuna naturali u legali li ghaliha jsir progett.
[19] Artikolu 2.
[20] Fol. 297 *et seq*.

"Hekk ukoll George Muscat, direttur ta' Tigne Estates Limited, xehed: *"Il-ftehim ta' kull kuntrattur kien ukoll li kellhom jiehdu hsieb dawk il-kwistjonjiet kollha li jirrigwardaw is-sahha u is-sigurta tal-haddiema....."*[21].

"Minn dan il-kliem hu altru milli car li Tigne Estates Limited bhala l-klijent ma dahlitx fl-aspett tas-sahha u sigurta.

"M'huwiex bizzejjed li l-klijent ighid li l-kuntratturi differenti kellhom jiehdu hsieb l-aspett ta' sahha u sigurta fil-sit ta' kostruzzjoni[22]. Is-sid ghandu dmirijiet imposti fuqu mil-ligi u m'ghandux triq ohra ghajr li jkun pro-attiv f'dak li jirrigwarda s-sahha u sigurta' tan-nies f'sit ta' kostruzzjoni. Min-naha ta' Tigne Estates Limited ma hadet l-ebda passi biex tizgura li l-kuntratturi jiehdu mizuri ta' sigurta' fil-post fejn kellu jsir ix-xoghol. Hekk per ezempju jidher li kien fatt maghruf li xi nies li jkunu qeghdin jahdmu fis-sit[23] kienu jghaddu minn gallarija ghall-ohra ta' blokk permezz ta' fallakka. Prattika li hi ghal kollox inaccettabbli. Ghalkemm fil-post kien hemm *foreman* inkarigat mis-sid[24], jidher bic-car li d-dmirijet stipulati fir-Regolament numru 5 ma twettqux. Obbligi li huma ntizi biex tigi salvagwardjata s-sigurta tal-haddiema, u li jinkludu li:-

"i. jikkordina l-implimentazzjoni tad-disposizzjonijiet sabiex b'hekk jigi zgurat li l-kuntratturi jiehdu fost'affarijiet ohra l-mizuri minimi kontemplati fl-Iskeda numru IV.

"ii. jaghti direzzjonijiet dwar affarijiet relatati ma' sahha u sigurta.

"In-nuqqas ta' Tigne Estates Limited li tizgura li l-gallariji jigu mbarrati qabel jibda x-xoghol, jaghmilha responsabbli daqs Jacksons Company Limited. L-Artikolu 1033 tal-Kodici Civili jipprovdi:-

> *"**1033.** Kull min, bil-ħsieb jew mingħajr ħsieb li jagħmel deni, għax ikun irid jew b'nuqqas ta' diliġenza, ta' prudenza jew ta' ħsieb, jagħmel jew jonqos li jagħmel xi ħaġa **li biha jikser xi dmir impost mil-liġi**, hu obbligat għall-ħlas tal-ħsara li tiġri minħabba f'hekk.*"

"Il-qorti m'ghandix dubju li Tigne Estates Limited naqset fid-dmirijiet imposti fuqha bl-imsemmi Avviz Legali. Ladarba kien evidenti li kien hemm nuqqasijiet ghal dak li jikkoncerna mizuri ta' sigurta, ma kellix tippermitti li fil-proprjeta taghha jitkompla x-

21 Fol. 378.
22 Ara deposizzjoni ta' Raymond Grixti (fol. 297 *et seq.*)
23 M'hemmx prova li dawn kienu impjegati ta' Jacksons Limited.
24 Ara deposizzjoni ta' Raymond Grixti li ta fl-inkjesta magisterjali, ghalkemm varja l-verzjoni meta xehed f'din il-kawza fis-seduta tas-27 ta' Ottubru 2009 (fol. 297).

xoghol qabel jigi zgurat li fil-post jittiehdu l-mizuri mehtiega ghas-sigurta tal-haddiema. L-ommissjoni taghha tirrendiha responsabbli ghad-danni.

"Kien biss wara li sehh l-incident li ttiehdu mizuri biex il-gallariji sarilhom tip ta' railing temporanju[25], li bid-dovut rispett m'huwiex adegwat meta tqies li orrizontalment saru biss zewg kurrenti tal-injam li facilment jinqasmu bil-piz ta' bniedem.

M'ghandux ikun skuzanti 'l fatt li dawn ir-regolament dahlu fis-sehh ftit inqas minn xahar qabel ma sehh l-incident fatali. Il-fatt jibqa' li dik kienet il-ligi fiz-zmien li sehh l-incident.

"3. Min-naha l-ohra hu wkoll id-dmir ta' haddiem li *"....jissalvagwardja s-sahha u s-sigurta tieghu nnifsu kif ukoll dik ta' persuni ohra li jistghu jigu affettwati bix-xoghol li jkun qed isir."* (Artikolu 7 tal-Kap. 424). Fuq il-post tax-xoghol l-impjegat ghandu jiehu hsieb is-sigurta personali tieghu u ma jesponix ruhu ghall-perkli bla bzonn.

"Fil-fehma tal-qorti l-vittma espona ruhu ghall-periklu meta hareg f'gallarija li ma kellha l-ebda lqugh, iktar u iktar meta jitqies li ma jirrizultax li dakinhar kien ser isir xi xoghol fiha. Jirrizulta li l-incident sehh ftit wara li l-impjegati twasslu fil-post fejn kienu ser jahdmu, u kienu ghadhom qeghdin itellghu l-ghodda u l-materjal. Sahansitra kien ghad ghandu l-barzakka fuq dahru. Hadd ma jaf x'kienet ir-raguni li dan iz-zghazugh hareg fuq il-gallarija, fejn il-periklu kien evidenti.

"F'dan il-kuntest il-qorti hi tal-fehma li hemm negligenza kontributorja min-naha tal-vittma. L-Artikolu 1051 tal-Kodici Civili (Kap. 16) jipprovdi:

> *"Jekk il-parti li tbati l-hsara tkun b'nuqqas ta' prudenza, ta' diligenza jew ta' hsieb ikkontribwiet jew tat okkazzjoni ghall-hsara, il-Qorti, fil-likwidazzjoni tal-ammont tad-danni li ghandhom jithallsu lil dik il-parti, tiddeciedi, fid-diskrezzjoni taghha, f'liema proporzjon din tkun ikkontribwiet jew tat okkazzjoni ghall-hsara li batiet, u l-ammont tad-danni li ghandu jithallas lilha mill-persuni l-ohra li jkunu dolozament jew bla ma riedu kkontribwew ghal dik il-hsara, jigi mnaqqas f'dik il-proporzjoni".*

"Ghalkemm il-vittma kien ghad ghandu 17 il-sena, ma jfissirx li ma kellux ikollu ghaqal bizzejjed biex igharaf li jekk johrog fil-gallarija ser ipoggi lilu nnifsu f'periklu. F'dan il-kuntest il-qorti

---

[25] Ara ritratti a fol. 465. Mid-deposizzjoni ta Emanuel Cortis, seduta tal-14 ta' Gunju 2011, jirrizulta li kien hu li wahhal l-injam mal-gallariji wara ordni li nghatat mill-Awtorita. Emanuel Cortis xehed li hu projects manager mal-kumpannija Gap, li jidher li hi assocjata ma' Tigne Estates Limited. Tant hu hekk li l-foreman kien certu Raymond Grixti li met xehed fl-inkjesta (18 ta' Gunju 2004) qal li hu impjegat ta' Gap Holdings Limited (fol. 224).

tikkonkludi li l-vittma ghandu wkoll htija, u l-ammont tad-danni li ser jigu likwidati ghandhom jitnaqqsu b'erbghin fil-mija (40%) biex jirriflettu l-htija tal-impjegat li hareg f'gallarija li ma kellix ilqugh f'post fejn ma jirrizultax li kellu bzonn johrog fil-qadi tad-dmirijiet tieghu. Il-vittma jidher li ghazel minn jeddu li johrog f'gallarija u b'hekk espona lilu nnifsu ghall-periklu car u evidenti.

"4. Ghal dak li jikkoncerna likwidazzjoni ta' danni, fid-data tal-incident il-vittma kellu paga ta' Lm56 (€130.45) fil-gimgha[26], cjoe' €6,783.14 fis-sena, ftit iktar mill-minimu wage. Kien ghadu kif jibda jahdem. Hu mistenni li biz-zmien wiehed itejjeb il-qliegh u l-qorti ghandha tqies ukoll dan il-fattur fil-kalkoli li trid taghmel. Hu maghruf li s-sengha li jidher li kien ghazel Frank John Fenech hi reditizzja. Il-qorti ma ghandix raguni ghalfejn tiddubita li matul is-snin kien ser ikompli javanza fis-sengha li jidher li kien ghazel ghall-futur tieghu.

"Ghalhekk il-qorti ser taghmel il-kalkoli fuq salarju ta' €15,000 fuq medda ta' 40 sena = €600,000.

"Hemm imbaghad tnaqqis ghal konsum (25%) u minhabba dipendenza (50%)[27].

"Tnaqqis ta' 20% ghal lump sum payment. Minhabba li mid-data li giet prezentata l-kawza (6 ta' Dicembru 2005) sad-data tas-sentenza ser ikunu ghaddew kwazi sebgha (7) snin, ir-riduzzjoni ghandha tkun ta' 12%[28].

"Total ta' **mija u tmienja u disghajn elf ewro (€198,000)**.

"Ma' dan iridu jizdiedu d-*damnum emergen*s, li l-qorti hi tal-fehma li huma gusitifikati, fis-somma ta' elf u erbgha u tletin ewro (€1,034)[29].

"Ghalhekk b'kollox id-danni huma ta' **mija u disgha u disghajn elf u erbgha u tletin ewro (€199,034)**. Gialadarba l-qorti tqies li kien hemm negligenza kontributorja min-naha ta' Frank John Fenech, din is-somma ghandha tonqos b'erbghin fil-mija (40%). Ghalhekk l-ammont li ghandu jithallas lill-atturi hu ta' **mija u**

---

[26] 2004 minimu wage ghal persuna ta' 17 il-sena kienet ta' €118.73, u ghal persuna ta' 18 il-sena u iktar, €125.51.

[27] Ir-rata f'dan il-kaz hi differenti minn dik li l-Qorti tal-Appell ikkonfermat fil-kaz ta' **Carmela Cassar et vs Il-Prim'Ministru ta' Malta et** deciza fis-26 ta' Marzu 2010 hi minhabba l-eta tenera ta' Frank John Fenech, filwaqt li fil-kaz citata mill-atturi l-vittma kellu diga' 38 sena.

[28] Ara sentenza tal-Qorti tal-Appell tas-7 ta' Ottubru 2005 fil-kawzi **Sammut et vs Meilaq et**, **Farrugia et vs Meilaq et** u **Scicluna et vs Meilaq et**.

[29] Ara sentenza **Francis Schembri proprio et nomine et vs Josef Farrugia et** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fis-17 ta' April 2012 (kaz li llum hu pendenti quddiem il-Qorti tal-Appell).

**dsatax-il elf erbgha mija u ghoxrin ewro u erbghin centezmu (€119,420.40)**.

"**Ghal dawn il-motivi l-qorti qeghda taqta' u tiddeciedi l-kawza billi:-**

"**1. Tilqa' l-ewwel eccezzjoni ta' Elbros Construction Limited u tillibera lill-istess mill-osservanza tal-gudizzju.**
"**2. Tichad l-eccezzjoni ta' Tigne Estates Limited.**
"**3. Tichad l-ewwel u tielet eccezzjoni ta' Jacksons Company Limited.**
"**4. Tilqa' t-tieni eccezzjoni ta' Jacksons Company Limited limitatament ghal dak li ser jinghad f'punt numru 5 tal-parti dipozittiva ta' din is-sentenza, u tichad l-istess fir-rigward tal-kumplament.**
"**5. Tiddikjara li Jacksons Company Limited u Tigne Estates Limited huma solidalment responsabbli ghall-incident li sehh fit-18 ta' Gunju 2004 li fih tilef hajtu Frank John Fenech, b'dan li tiddikjara htija kontributorja min-naha ta' Frank John Fenech li qeghda tigi ffissata f'40%.**
"**6. Tillikwida d-danni fis-somma ta' mija u dsatax-il elf erbgha mija u ghoxrin ewro u erbghin centezmu (€119,420.40).**
**"7. Tikkundanna lill-konvenuti Jacksons Company Limited u Tigne Estates Limited sabiex solidalment[30] ihallsu lill-atturi s-somma ta' mija u dsatax-il elf erbgha mija u ghoxrin ewro u erbghin centezmu (€119,420.40)**.

"**Spejjez ta' Elbros Construction Limited ghandhom jaghmlu tajjeb ghalihom l-atturi. B'dan li l-ispejjez l-ohra ghandhom jinqasmu in kwantu ghal 60% a karigu ta' Jacksons Company Limited u Tigne Estates Limited u 40% a karigu tal-atturi. Ghal dak li huma spejjez dovuti mill-konvenuti Jacksons Company Limited u Tigne Estates Limited dawn ikunu wkoll dovuti solidalment. Bl-imghax mil-lum.**"

Minn din is-sentenza appellat is-socjeta` konvenuta Tigne Estates li talbu li jigu ezentati minn kull responsabilita` u l-atturi irrispondew billi intavolaw ukoll appell incidentali fejn ilmentaw mill-fatt li l-mejjet gie akkollat 40 fil-mija tar-responsabilita` ghall-akkadut u mill-fatt li gew ordnati jhallsu l-ispejjez tas-socjeta` Elbros.

[30] B'applikazzjoni tal-Artikolu 1050 tal-Kodici Civili.

Il-Qorti ghalhekk l-ewwel se tikkonsidra l-aggravji lamentati mill-appellanti principali.

**APPELL PRINCIPALI**

**L-ewwel aggravju** jirrigwardja appuntu r-responsabilita` ghall-incident, L-appellanti issostni li kienet responsabilita` assoluta tas-socjeta` Jackson Company Limited illi thares l-inkoluminita` tal-mejjet li kien impjegat maghha.

Kif qalet il-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-kawza fl-ismijiet Kevin Mallia v. Alf Mizzi and Sons Limited deciza fid-9 ta' Ottubru 2003 "*min ihaddem ghandu d-dover li jipprovdi post tax-xoghol li ma jkunx ta' periklu u riskju ghas-sahha tal-istess haddiem*". (**ara Bugeja v. Falzon** deciza mill-istess Qorti fit-30 ta' April 1997 u **Desira v. Grech and Co. Ltd** deciza fit-30 ta' Mejju 2002).

Sentenzi ohra tal-istess opinjoni huma **Galea v. Balzan** Qorti tal-Appell 26 ta' Frar 1993 u **Agius v. Galea** Qorti tal-Kummerc 11 ta' Lulju 1989. Sentenza ricenti **Grezzju Scicluna v. C. Cini and Sons Ltd** – 27 ta' Gunju 2006 – Cit 348/02 TM iccitat l-awtur **Whincup** fil-ktieb Modern Employment Law li jelenka erba' principji bazici f'kazi simili u cioe`:

i. *the employer must ensure that the employee knows the dangers*
ii. *the employer must ensure that the emplyee konws the precautions to be taken against these dangers*
iii. *the employer must ensure that the precautions are available*
iv. *the employer must ensure that the employee knows these precautions are available*

Kif sew irrimarkat il-Qorti fil-kawza **Schembri v. Caruana** min ihaddem irid izomm quddiem ghajnejh illi gieli l-haddiem jitraskura xi ftit dwar il-perikli li jkollu u ghalhekk ghandu jkun hemm sistema biex dawn l-izbalji ma jsirux.

Dan kollu gie riprodott fis-sentenza fil-kawza deciza minn din il-Qorti fl-ismijiet **Anna Micallef v. Allchem Limited** (13 ta' Gunju 2007 – konfermata minn din il-Qorti tal-Appell fit-18 ta' Settembru 2009).

Is-socjeta` appellanti targumenta li dak li ikkontribwixxa ghall-fatalita` ma kienx in-nuqqas riskontrat mill-ewwel Qorti fil-konfront taghha kif issemma' fis-sentenza appellata izda n-nuqqas li hija ssejjah lampanti tas-socjeta` Jacksons *qua employer* u l-kontributorjeta` tal-istess decedut.

Din il-Qorti ma taqbilx ma' dan, u taqbel mal-ewwel Qorti illi s-socjeta` appellanti ikkontribwiet ghall-incident bin-nuqqas taghha li tara li ma kienx hemm periklu fl-ambjenti proprjeta` taghha waqt il-kors tax-xoghlijiet li kienu ghaddejjin.  Importanti hafna l-fatt li l-Awtorita`

kompetenti kienet addirittura baghtet ittra registrata lill-konvenuti kollha fit-22 ta' April 2004 fejn indikatilhom biex ai termini tal-Artikolu 17 tal-Occupational Health and Safety Authority Act "*to take all the necessary precautions to reduce risk of falls from heights by addressing all open edges*". Kwindi s-socjeta` appellanti kif tghid is-sentenza appellata ma tistax tezonera ruhha mir-responsabilita` ghall-akkadut anke ghax kisret provvediment espress tal-ligi. "*Ir-responsabbilta` tas-sid tal-lant tax-xogħol li jiżgura li l-kundizzjonijiet tax-xogħol ma jkunux ta' ħsara għal saħħet ħaddieħor u li dawk il-kundizzjonijiet ikunu tali li jbiegħdu lill-persuna minn kull ħsara jgħoddu mhux biss għall-ħaddiema tal-istess sid, iżda wkoll għal dawk li jkunu tqabbdu minnu b'kuntratt ta' appalt;*" (**Bonello v. Borg Limited**, 26 ta' Mejju 2011, Prim'Awla). Il-Qorti lanqas ma taqbel li n-nuqqas tal-appellanti ma kinietx wahda mill-kawzi prossimi tal-incident. In-nuqqas ta' lqugh fil-post tal-incident kien minghajr dubbju wahda minn dawn il-kawzi u anke l-kontributorjeta` allegata mill-appellanti da parti tad-decedut ma tnaqqasx l-entita` ta' dan in-nuqqas. L-appellant jaghmel riferenza ampja ghas-sentenza **D'amato v. Spiteri** (Prim'Awla, 3 ta' Ottubru 2003) madankollu l-fattispecje ta' dan il-kaz kienu differenti – hemmhekk si trattava ta' zewg adolexxenti li laghbu bl-loghob ta' nar li korrihom. Il-Qorti kienet sabet li kienu huma stess kienu responsabbli ghall-incident u cahdet it-talbiet attrici.

Dwar il-persentagg tar-responsabilita` tad-decedut determinat mill-ewwel Qorti din il-Qorti se taghmel l-ezami taghha meta tittratta l-appell incidentali tal-atturi.

**It-tieni aggravju** jirrigwardja l-komputazzjoni tad-danni akkordati lill-atturi. Naturalment kif spiss qalu l-Qrati taghna:

> "*Il-Qorti trid ... ... ... taghmilha cara illi f'kazi bhal dawn ma tezisti l-ebda formula magika, specjalment meta l-akkadut ikollu konsegwenzi fatali.*"

(**Turner v. Agius**, Qorti tal-Appell 28 ta' Novembru 2003).

Dan ghaliex kif gie spjegat diversi drabi, il-Qorti meta tigi biex tiddeciedi kawza simili, qatt ma tista' tipprevedi tibdil fic-cirkostanzi tal-hajja tal-persuna imwegga' u *multo magis* fejn sfortunatament kien hemm mewt. Dan huwa rifless f'diversi sentenzi ta' din il-Qorti, uhud minnhom riportati fis-sentenza **Brian Micallef v. Brian Tyre Services Limited** deciza fil-31 ta' Jannar 2014 minn din il-Qorti, fejn l-attur kellu 23 sena meta sehh l-incident u l-Qorti applikat 'multiplier' ta' 35 sena. Kif tghid l-awtrici **Vivienne Harpwood (Modern Tort Law") (ediz. 2009, pagna 438)**:

> "*Deductions may also be made by adjusting the multiplier downwards to allow for certain future contingencies. In an attempt to assess the appropriate sum which should be awarded for loss of future earnings, the courts gaze into the imaginary crystal ball, and try to make the award in the light of what might have been the claimant's future.*"

Dawn il-hsibijiet huma riflessi anke f'sentenzi ta' din il-Qorti bhal **Gauci v. Bugeja** (29 ta' Novembru 2009) u **Caruana v. Camilleri** (27 ta' Frar 2004) u **Attard v. D' Amato** (22 ta' Ottubru 2002). Fl-ewwel sentenza imsemmija intqal infatti illi "*id-danni ghandhom jigu akkordati biex jirriflettu l-bilanc li ghandu jintlahaq bejn id-dritt tad-dannegjat u l-obligu tal-dannegjant. Tenut kont ta' dan isegwi illi l-working life expectancy ma ghandu qatt jigi, kif qatt ma gie konsiderat kollu ghall-fini tal-multiplier.*

L-appellanti tilmenta li l-ewwel Qorti ibbazat il-hdim tas-somma pagabbli lill-appellati fuq €15,000 meta l-paga li kellu d-decedut kienet inqas minn €7,000. Tghid ukoll li l-isess mejjet ma kellu ebda kwalifika u ghalhekk ma jaqbilx mad-decizjoni li l-lucrum cessans jigi ibbazat fuq aktar mid-doppju tas-salarju li kellu anke jekk taqbel li ghandha tizdied is-somma mis-salarju li kellu u dan ghal ragunijiet evidenti. Ticcita sentenza tat-28 ta' April 2005 **Frendo v. Spiteri** fejn il-mejjet kellu salarju ta' Lm7,000 u l-Qorti qieset is-somma ta' Lm9,000. Madankollu f'dan il-kaz il-mejjet kellu 44 sena u ghalhekk peress li fil-kaz odjern il-persuna deceduta kellha biss 17-il sena, din il-Qorti taqbel mal-apprezzament li ghamlet l-ewwel Qorti u tqis is-somma ta' €15,000 bhala bazi bhala wahda gusta. L-appellanti tghid ukoll li l-multiplier kien eccessiv ukoll u tghid li ma kellux ikun 40 sena izda 35. Biss meta wiehed iqis li fis-sentenza **Micallef v. Brian Tyre Services** fuq citata meta d-dannegjat kellu 23 sena gie applikat multiplier ta' 35 sena, din il-Qorti jidhrilha li fil-kaz in

ezami, il-metru adottat mill-ewwel Qorti kien korrett u gust. Bl-applikazzjoni ta' dan il-multiplier, xorta wahda wiehed mhux se jkun ha l-working life expectancy kollha ghaliex ikun wasal sa meta l-mejjet kien ikollu 57 sena. Anke dan l-aggavju ghalhekk huwa respint.

**L-ahhar aggravju** jirrigwardja l-fatt li l-ewwel Qorti zammet lill-appellanti u s-socjeta` Jacksons solidalment responsabbli. Ticcita l-Artikolu 1051 imsemmi fis-sentenza appellata u tghid li allura l-Qorti kellha semmai tispartixxi t-tort u r-responsabilita`. Madankollu l-Artikolu 1050 (2) jghid illi d-dannegjat ghandu dritt li jitlob il-hsara minghand kull min ikun ikkagunahielu f'kaz fejn wiehed ma jistax jistabilixxi min ikkaguna l-bicciet tal-hsara fejn din tkun ikkagunata minn aktar minn persuna wahda. Din il-Qorti taghmel riferenza ghas-sentenzi fl-ismijiet **Marianna Cini v. Paolo Galea et** (Appell 27 ta' Ottubru 1958) u **Joseph Attard v. Emanuel Attard et** (20 ta' Gunju 1984, Prim'Awla) fejn il-Qorti wkoll sabet responsabilita` solidali bejn il-konvenuti. Fl-ewwel kaz citat il-Qorti qalet li ladarba "*ma setax jigi determinat il-kwantitattiv tad-danni kull wiehed minnhom (il-konvenuti) ikkaguna allura t-tnejn huma tenuti soldalment ghad-danni kollha" (**Vol XXXIV-ii-518**).*

**L-appell principali allura huwa respint.**

**APPELL INCIDENTALI**

L-appellati ipproponew appell incidentali fejn talbu li din il-Qorti tiddikjara lill-konvenuti totalment responsabbli ghall-incident in kwistjoni u allura tirrevoka l-parti tas-sentenza li sabet lill-mejjet 40 fil-mija responsabbli ghall-incident kif ukoll tirrevoka l-parti tas-sentenza illi ordnatilhom ihallsu l-ispejjez tas-socjeta` Elbros.

L-appellanti incidentali isostnu li l-mejjet ma kellux jigi addebitat b'ebda responsabilita` ghall-incident u iccitaw diversi awturi kif ukoll direttivi Ewropej illi jinkombu fuq l-employer ir-responsabilita` addizjonali li jiehu prekawzjonijiet ulterjuri meta jimpjegaw zghazagh ghaliex naturalment dawn ikunu neqsin minn certa esperjenza li haddiem aktar espert ikollu biex jipprevedi fejn jista' jsir incident. Dan huwa kollu minnu u l-employers ghandhom ikunu konxji minn dawn ir-responsabiltajiet importanti illi anke timponilhom il-ligi. (Avviz Legali 91 tas-sena 2000 li dahal fis-sehh fl-2004 ftit qabel ma gara dan l-incident).

Stabbilit dan pero` din il-Qorti xorta tirraviza kontributorjeta` da parti tal-mejjet principalment ghaliex ma jirrizultax li dak il-hin li gara l-incident huwa kien qed jaghmel xi xoghol partikolari relatat mal-lant tax-xoghol jew li kien qed jesegwixxi xi ordni partikolari tal-employer ghalkemm kien **prevedibbli** kif qalet l-ewwel Qorti li huwa johrog fuq il-gallarija minn fejn waqa' – sia pure dak l-agir tieghu ma kienx daqhekk ragonevoli.

Il-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-kawza fl-ismijiet **Sammut v. Clamus Holding Limited** (27 ta' Settembru 2012 – konfermata mill-Qorti tal-Appell fil-principju fl-2016) ezaminat din il-kwistjoni fil-fond u ghamlet dawn l-osservazzjonijiet eruditi li din il-Qorti taqbel maghhom pjenament;

> "*Illi, kif ingħad aktar qabel, il-prinċipju tal-liġi jrid li kulħadd iwieġeb għall-ħsara li tiġri bi ħtija tiegħu Iżda huwa wkoll miżmum u aċċettat li jrid jintwera li, minbarra ssejbien tal-ħtija, jeħtieġ li jkun stabilit ukoll li kienet dik il- ħtija li ikkaġunat id-dannu attwalment imġarrab . Fuq kollox, il-liġi trid ukoll li fejn il-parti li tkun ġarrbet il-ħsara tkun hija stess li ikkontribwiet għad-danni b'nuqqas ta' prudenza, ta' diliġenza jew ta' ħsieb jew tkun tat sehem jew okkażjoni għal dik il-ħsara, il-Qorti hija mogħtija ddiskrezzjoni li tqis f'liema grad tkun hekk ikkontribwiet jew tkun tat okkażjoni għall-ħsara li batiet . Dan iġib miegħu wkoll tnaqqis proporzjonali fil-kumpens li jkun mod ieħor dovut lill-persuna li tkun tat hija nnifisha r-raġuni għal dak li ġralha. Mill-mod kif inhi l-liġi llum fis-seħħ f'dan irrigward, m'hemm l-ebda regola fissa jew determinanti li tgħid kemm għandu jkun dak il-proporzjon jew frazzjoni oħra u dan għaliex id-diskrezzjoni li hija mħollija f'idejn il-Qorti għandha tinbena fuq iċ-ċirkostanzi partikolari talkaż u l-provi riżultanti . Jista' għalhekk ikun li lkontributorjeta' għall-ħsara tkun tali li tkun għal kollox determinanti bħala kawża u effett u b'hekk tneħħi kull rabta ta' ħtija minn fuq il-persuna li setgħet ikkawżat dik il- ħsara. Dan kollu ma jneħħi xejn mis-siwi tal-prinċipju tad-dritt proċedurali li* ***onus incumbit ei qui dixit****, u għalhekk l-allegazzjoni tal-kontributorjeta' tal-persuna mġarrba trid tkun ippruvata kif imiss mill-persuna li tallegaha;*
>
> "*Illi minħabba li kull inċident għandu l-karatteristiċi u ċ- ċirkostanzi partikolari tiegħu, wieħed ma jistax jgħid minn qabel fiex tkun tikkonsisti l-kontributorjeta' min-naħa talpersuna mġarrba. Madankollu, b'linja ta' prinċipji ġenerali, wieħed jista' jqis li jkun hemm kontributorjeta' fejn limpjegat jonqos li joqgħod għal struzzjonijiet speċifiċi li jingħata mis-superjuri tiegħu, l-aktar fejn jidħol l-aspett ta' periklu, jew meta l-impjegat jagħmel jew jonqos li jagħmel xi ħaġa li l-ħila tiegħu u s-sengħa fix-xogħol li jkun tqabbad jagħmel imisshom inebbħuh biex jevita, jew meta l-istess impjegat jonqos li jinqeda b'sens komun u jqiegħed lilu nnifsu fil-għajn tal-periklu jew ħsara għalih innifsu jew għal saħħtu . Bosta drabi, din l-imġiba trid tkun saret bir-rieda tal-persuna mġarrba u timxi id f'id mal- massima* ***li volenti non fit iniuria;***"

Jinsab affermat illi "*meta jkun hemm htija kontributorja da parti tad-danneggat, huwa dejjem imholli fid-diskrezzjoni tal-Qorti li tistabbilixxi l-proporzjon li fiha huwa kkontribwixxa ghal, jew ikkaguna l-hsara li garrab sew jekk id-danneggjant jew danneggjanti jkunu kkagunaw id-dannu b'semplici kolpa jew anke b'dolo, minghajr ebda regola prestabbilita mil-ligi stess li tistabbilixxi l-proporzjon ghal nofs jew frazzjoni ohra. Kollox f'kull kaz jiddependi mic-cirkostanzi partikolari tieghu*" (**Joseph Galdes v. Victor Micallef**, Appell Civili, 20 ta' Jannar 1964, a Vol. XLVIII P I p 59); (**David Scerri v. Anthony Scerri et**, 3 ta' Ottubru 2003, Prim'Awla).

> "*F'sitwazzjoni bhal din jinstab stabbilit illi fejn tirrizulta htija kontributorja huwa dejjem imholli fid-diskrezzjoni tal-Qorti li tistabilixxi hi skond ic-cirkostanzi tal-kaz il-proporzjon tar-responsabilita`. U fejn din ma tistax tigi maqsuma b'certezza ghandha tigi diviza ugwalment.*"
>
> (Ara Kollezz Vol XLVIII p I p 59). (**Fenech v. Montebello**, Appell Inferjuri, 20 ta' Ottubru 2003).

Din il-Qorti taqbel li ghal dak li huwa apprezzament tal-fatti, kif qalet fil-kawza fl-ismijiet **Phyliss Ebejer v. Joseph Aquilina** (10 ta' Jannar 1995 "*il-Qorti tal-Appell tiddisturba biss id-diskrezzjoni ezercitata mill-ewwel Qorti f'kazijiet eccezzjonali meta si tratta ta' valutazzjoni ta' fatti.*" Imbaghad fil-kawza fl-ismijiet **Joseph Cini v. George Wells** (15 ta' Novembru 2004) l-istess Qorti qalet li "*Huwa principju bazilari segwit minn din il-Qorti ta' revizjoni li fejn si tratta ta' apprezzament u evalwazzjoni ta' provi ta' fatt din il-Qorti qatt ma tiddisturba leggerment*

*apprezzament tal-provi li jkun sar mill-ewwel Qorti sakemm ma jkunx hemm ragunijiet gravi u serji bizzejjed li jissugerixxu mod iehor".*

Dan l-insenjament huwa segwit f'diversi sentenzi ohra bhal **Emanuel Cardona v. Dr Graham Busuttil,** Appell, 10 ta' Jannar 1995 u **Paul Formosa v. Salvu Debono**, Appell 5 ta' Ottubru 2001; madankollu "*Din il-Qorti pero` f'kaz tapprezza wkoll li d-dover taghha xorta huwa li tezamina sewwa l-provi imressqa u barra minn hekk, huwa wkoll importanti li l-istess provi u l-konkluzjonijiet ta' kif graw il-fatti in kwistjoni jigu evalwati sewwa u interpretati skond il-ligijiet taghna u l-gurisprudenza l-aktar ricenti u kostanti fil-materja.* (**Attard et v. Direttur tas-Sahha**, Qorti tal-Appell, 31 ta' Mejju 2014).

F'dan il-kaz il-Qorti ma ssib xejn li jwassalha biex tibdel id-decizjoni tal-ewwel Qorti lanqas f'dan ir-rigward u dan ghar-ragunijiet espressi tajjeb fis-sentenza appellata.

**It-tieni aggravju** huwa rigwardanti l-ispejjez tas-socjeta` Elbros u anke hawn il-Qorti hija tal-fehma li l-ewwel Qorti kienet korretta meta akkollat dawn l-ispejjez lill-atturi appellati u appellant incidentali. Din is-socjeta` giet liberata mill-osservanza tal-gudizzju u allura ma kellhiex titharrek ghar-ragunijiet ukoll imsemmija fis-sentenza appellata. M'hijiex skuza ghall-atturi li meta istitwew il-kawza ma kellhomx l-informazzjoni illi irrizultat fit-trattazzjoni tal-kawza.

L-imghax fuq is-somma likwidata u pagabbli lill-atturi appellati ghandhom jibdew jiddekorru mid-data tas-sentenza appellata kif deciz minnha; dan fuq l-iskorta ta' diversi sentenzi ricenti ta' din il-Qorti - ara per ezempju **Vassallo v. Camilleri** deciza minn din il-Qorti fil-31 ta' Jannar 2014) fejn giet ukoll citata s-sentenza **Turner v. Agius** (Appell - 28 ta' Novembru 2003):

> *"Dwar id-dekorrenza tal-imghax, il-Qorti irriteniet illi l-imghax fejn it-talba kienet 'da liquidare' ma kellux jghaddi mid-data tan-notifika tac-citazzjoni propju minhabba l-principju 'in liquidandis non fit mora'. Il-Qorti ziedet pero` li l-imghax kellu jghaddi mid-data tal-ewwel sentenza peress li f'dak il-mument il-konvenut kellu ideja tac-cifri involuti izda kien naqas milli jiddeposita ebda parti mill-ammont ta' danni sabiex jezimi ruhu mir-responsabilita`."*

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tichad kemm l-appell principali u kemm l-appell incidentali u tikkonferma s-sentenza appellata kompriz il-kap tal-ispejjez. L-imghaxijiet kif ordnati mis-sentenza appellata ghandhom jibdew jidekorru mid-data ta' dik is-sentenza; l-ispejjez tal-appell incidentali kollha a kariku tal-appellanti principali u dawk tal-appell incidentali a kariku tal-istess appellant incidentali.

| | | |
|---|---|---|
| Silvio Camilleri<br>Prim Imhallef | Tonio Mallia<br>Imhallef | Joseph Azzopardi<br>Imhallef |

Deputat Registratur
df